In view of the above a wide berth is to be given to the main breakwater. Vessels are to navigate at very slow speed and with no wake.

Mariners are to obey any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF channel 12 and by Enforcement Officers on site.

Chart affected: BA 211

6th March, 2020

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Post ta' Learning Support Educators fi Ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE), jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Learning Support Educators fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar għal Learning Support Educator III u għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur għal Learning Support Educator II u I.

2.2 Is-salarju għall-post ta' Learning Support Educator III għal dawk l-applikanti li jidħlu fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iii) huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fl-2020 huwa €20,603.00 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €23,049.00.

2.3 Persuna fil-grad ta' Learning Support Educator III titla' fi Skala ta' Salarju 9, li fl-2020 huwa (€21,933.00 x €447.33 - €24,617.00), wara ħames (5) snin servizz fil-grad ta' LSE III fi Skala ta' Salarju 10, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Is-salarju għall-post ta' Learning Support Educator II, għal dawk l-applikanti li jidħlu fil-grad bir-rekweżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iv) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li f'2020 huwa €18,142.00 fis-sena, li jiżdied b'€354.00 fis-sena sa massimu ta' €20,266.00.

2.5 Persuna fil-grad ta' Learning Support Educator II titla' fi Skala ta' Salarju 10, li fl-2020 huwa (€20,603.00 x €407.67 - €23,049.00), wara ħames (5) snin servizz fil-grad ta' LSE II fi Skala ta' Salarju 12, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 Is-salarju għall-post ta' Learning Support Educator I, għal dawk l-applikanti li jidħlu fil-grad bir-rekweżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (v) huwa ta' Skala ta' Salarju 15, li f'2020 huwa €14,821.00 fis-sena, li jiżdied b'€298.00 fis-sena sa massimu ta' €16,609.00.

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Post of Learning Support Educators in the Ministry for Education and Employment

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education and Employment (MEDE) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEDE adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Educations Regulations 2016) in its recruitment process.

1 The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment (MEDE) invites applications for the post of Learning Support Educators within the Ministry for Education and Employment.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months for Learning Support Educator III and for Learning Support Educator II and I, a probationary period of six (6) months.

2.2 The salary for the post of Learning Support Educator III, for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1 (iii) is Salary Scale 10, which in 2020 is €20,603.00 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €23,049.00.

2.3 A Learning Support Educator III, will progress to Scale 9, which in 2020 is (€21,933.00 x €447.33 - €24,617.00) on completion of five (5) years service in the grade of LSE III in Salary Scale 10, subject to satisfactory performance.

2.4 The salary for the post of Learning Support Educator II, for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraphs 4.1 (iv) is Salary Scale 12, which in 2020 is €18,142.00 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €20,266.00.

2.5 A Learning Support Educator II will progress to Scale 10, which in 2020 is (€20,603.00 x €407.67 - €23,049.00) on completion of five (5) years service in the grade of LSE II in Salary Scale 12, subject to satisfactory performance.

2.6 The salary for the post of a Learning Support Educator I, for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraphs 4.1 (v) is Salary Scale 15, which in 2020 is €14,821.00 per annum, rising by annual increments of €298.00 up to a maximum of €16,609.00.

2.7 Persuna fil-grad ta' Learning Support Educator I titla' fi Skala ta' Salarju 14, li fl-2020 huwa (€15,870.00 x €316.83 - €17,771.00), wara ħames (5) snin servizz fil-grad ta' LSE I fi Skala ta' Salarju 15, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, u terġa' titla' fi Skala ta' Salarju 13, li fl-2020 huwa (€16,985.00 x €335.50 - €18,998.00) wara ħames (5) snin oħra ta' servizz fil-grad ta' LSE I fi Skala ta' Salarju 14, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.8 Barra minn hekk, persuna fil-grad ta' Learning Support Educator I, li tieħu l-intizjattiva u ttemm b'suċċess kwalifika sħiħa (Diploma) f'Livell 5 tal-MQF hekk kif imsemmija f'paragrafu 4.1 (iv), tiġi awtomatikament promossa fil-grad ta' Learning Support Educator II fi Skala ta' Salarju 12.

2.9 Barra minn hekk, persuna fil-grad ta' Learning Support Educator I jew II, li tieħu l-intizjattiva u ttemmub'suċċess kwalifika sħiħa (Degree) f'Livell 6 tal-MQF hekk kif imsemmija f'paragrafu 4.1 (iii), tiġi awtomatikament promossa fil-grad ta' Learning Support Educator III fi Skala ta' Salarju 10. F'tali każijiet, is-snin ta' servizz bħala Learning Support Educator II għandhom ikunu meqjusa għall-progressjoni fuq bażi ta' 4:1 (kull erba' (4) snin fil-grad ta' Learning Support Educator II għandhom jirriżultaw fi tnaqqis ta' sena (1) għall-progress fl-Iskala tas- Salarju 9).

2.10 L-Iskala tas-Salarji għall-gradi kollha msemmija hawn fuq (2.2 sa 2.9) huma supplimentati bil-Class Allowance rispettiv annwali flimkien mal-Work Resources Fund rispettiv annwali skont il-grad u l-iskala tas-salarju u huma suġġetti għal żidiet fis-sena kif stipulat fil-ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-Malta Union of Teacher (MUT) iffirmat fil-21 ta' Diċembru, 2017.

Dmirijiet

3.1. Persuna fil-grad ta' Learning Support Educator hija mistennija li twettaq dmirijiet li jippermettu l-appoġġ għal aċċess għat-tagħlim u valutazzjoni mal-istudenti kollha fil-klassi, jew ma' studenti b'dikjarazzjoni ta' bżonnijiet jew ma' studenti fiċ-Ċentri tar-Riżorsi. Dawn id-dmirijiet jinkludu li:

i. tassisti fit-tagħlim u l-proċess tat-tagħlim immexxi mill-Għalliema, li tippromovi l-indipendenza u t-twettiq tal-istudenti kollha, b'dikjarazzjoni tal-bżonnijiet rikonoxxuta jew le, f'kull esperjenzi u kuntesti ta' tagħlim f'kull ċiklu (Early, Junior, Secondary and Upper Secondary Years) fi ħdan il-vjaġġ edukattiv;

ii. tikkollabora mill-qrib, u tkun iggwidata mill-Għalliema, u professjonisti oħra li jistgħu jkunu qed jappoġġjaw dan l-isforz fi jew lil hinn mill-klassi, taħt it-tmexxija tas-Senior Management Team (SMT) tal-iskola;

2.7 A Learning Support Educator I will progress to Scale 14, which in 2020 is (€15,870.00 x €316.83 - €17,771.00) on completion of five (5) years service in the grade of LSE I in Salary Scale 15, subject to satisfactory performance, and to further progress to Scale 13, which in 2020 is (€16,985.00 x €335.50 - €18,998.00) on completion of another five (5) years service in the grade of LSE I in Salary Scale 14, subject to satisfactory performance.

2.8 Furthermore, a Learning Support Educator I, who takes the initiative and successfully completes a full qualification (Diploma) at MQF Level 5 as indicated in paragraph 4.1 (iv), will automatically be promoted into the grade of Learning Support Educator II in Salary Scale 12.

2.9 Furthermore, a Learning Support Educator I or II, who takes the initiative and successfully completes a full qualification (Degree) at MQF Level 6 as indicated in paragraph 4.1 (iii), will automatically be promoted into the grade of Learning Support Educator III in Salary Scale 10. In such instances, the years of service as a Learning Support Educator II shall be reckonable for progression on a 4:1 basis (every four (4) years in the grade of Learning Support Educator II shall result in a deduction of one (1) year for progression into Salary Scale 9).

2.10 All Salary Scales for all grades mentioned above (2.2 to 2.9) are supplemented by the respective annual Class Allowance together with the respective annual Works Resource Fund according to the grade and salary scale and are subject to yearly increments as stipulated in the agreement between the Government of Malta and the Malta Union of Teachers (MUT) of the 21st December, 2017.

Duties

3.1. A Learning Support Educator is expected to perform duties which enable support to access learning and assessment with all learners in a class, or learners with a statement of needs, or learners in Resource Centres. These duties include:

i. assisting the teaching and learning process led by the Teacher, promoting independence and fulfilment of all learners, with or without a recognised statement of needs, in all learning experiences and contexts at all cycles (Early, Junior, Secondary and Upper Secondary Years) within the educational journey;

ii. collaborating closely and be guided by the Teacher, and other professionals who may be supporting this endeavour within or beyond the classroom, under the leadership of the school's Senior Management Team (SMT);

iii. tinvolvi ruħha fl-iżvilupp ta' komunità ta' Edukaturi Professjonali, inkluż permezz tal-Ippjanar tal-Iżvilupp tal-Iskola;

Għajnuna fit-Tagħlim

i. tgħin u taħdem id f'id mal-għalliema tal-klassi u ma' kollegi oħra. Taħt il-gwida tal-għalliema tal-klassi, tassisti fl-edukazzjoni tal-istudenti kollha tal-klassi u b'mod partikulari ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali biex jiġu pprovduti l-ħtiġiet kurrikulari u ta' tagħlim ta' studenti individwali;

ii. tipparteċipa bs-sħiħ fis-sessjonijiet tal-Making Action Plans (MAPs);

iii. flimkien mal-għalliema tal-klassi, tiżviluppa u twettaq il-programm individwali edukattiv (IEP) billi tadatta l-pjanijiet tal-lezzjoni u r-riżorsi;

iv. tattendi laqgħat tal-IEP u tal-Individual Transition Plan (ITP);

v. tirrevedi l-IEPs, inkluż li tirrekordja u li tirrapporta dwar il-progress tal-implimentazzjoni ta' dawn l-IEPs fuq bażi regolari;

vi. tagħti appoġġ lill-għalliema tal-klassi biex jiġi ppreparat u miktub id-dokument tal-IEP għal kull student fil-klassi li għandu statement;

vii. tgħin fit-tħejjija ta' materjal edukattiv u tieħu sehem attiv fl-oqsma kollha tal-proċess ta' tagħlim u l-proċess edukattiv fil-klassi taħt id-direzzjoni tal-għalliema fil-klassi;

viii. id f'id mal-għalliema tal-klassi, tieħu sehem fl-osservazzjoni, fl-assessjar u l-proċess tad-dokumentazzjoni tal-ħidma u tal-imġiba tal-istudenti inklużi;

ix. tipparteċipa fi programmi tranżittivi, rispettivi tal-individwu, biex tiffaċilita l-mixja ta' studenti individwali minn livell edukattiv għal ieħor, minn skola għal oħra, u mill-iskola għall-post tax-xogħol, billi tagħti informazzjoni u dokumentazzjoni rilevanti lil kollegi oħra kkonċernati, ħalli ssir tranżizzjoni xierqa għall-istudent;

x. tippromovi komunità inklużiva ta' studenti, f'kollaborazzjoni mal-Kap tad-Dipartiment (Inklużjoni), speċjalisti, resource workers, għalliema, ġenituri, studenti u stakeholders oħra, fejn l-istudenti kollha jgawdu valur u rispett. Dan jinkludi xogħol kollaborattiv fl-iskola u ma' aġenziji oħra, bħal Child Development Assessment Unit (CDAU), Ċentri ta' Riżorsi, NGOs u ambjenti terapewtiċi u edukattivi oħra;

iii. engaging in the development of a Community of Professional Educators, including through School Development Planning;

Learning Support

i. supporting and collaborating with the class teacher and other colleagues. Under the guidance of the class teacher, assisting in the education of all pupils in class, in particular pupils with special educational needs so that their individual curricular entitlement is ensured and their learning needs are catered for;

ii. participating fully in Making Action Plans sessions (MAPs);

iii. together with the class teacher, developing and implementing an Individual Educational Programme (IEP) by adapting the lesson plans and resources;

iv. attending IEP and Individual Transition Plan (ITP) meetings;

v. reviewing IEPs, including recording and reporting progress of such IEP implementation on a regular basis;

vi. supporting the class teacher to prepare and write the IEP document of every student with a statement in class;

vii. assisting in the preparation of educational materials and playing an active part in all the components of the instructional and educational process in class under the direction of the class teacher;

viii. in collaboration with the class teacher, participating in the observation, assessment and documentation process of the performance and behaviour of included learners;

ix. participating in the respective individual transition programmes to assist students as they move from one educational level to another, from school to school, and from school to work, handing over to other involved colleagues, all relevant information and documents so as to ensure a smooth transition for the student;

x. promoting an inclusive community of learners, in collaboration with Head of Departments (Inclusion), specialists, resource workers, teachers, parents, students and other stakeholders, where all students are valued and respected. This includes collaborative work in school and with other agencies, such as the Child Development Assessment Unit (CDAU), Resource Centres, NGOs and other educational and therapeutic environments;

xi. tipparteċipa f'sessjonijiet ta' hydrotherapy, multi-sensory, sensory integration u oħrajn fl-iskejjel, Ċentri ta' Riżorsi jew ċentri oħra fejn jingħataw dawn is-servizzi, biex jiġi assigurat l-aċċess għad-drittijiet edukattivi u personali tal-istudenti;

xii. tippromovi f'kull ħin, l-għanijiet, l-ethos u l-policies tal-iskola, il-Kulleġġ jew iċ-Ċentru ta' Riżorsi fejn tkun qed taħdem u tagħti kontribut attiv bħala membru tal-istaff;

xiii. tassisti fil-preparazzjoni, fid-disseminazzjoni u fl-użu tar-riżorsi tat-tagħlim u tassigura li dawn jinżammu dejjem aġġornati fil-klassi, fl-iskola, u fiċ-Ċentri ta' Riżorsi;

xiv. tagħti appoġġ lill-istudent/i waqt attivitajiet barra mill-iskola li jinkludu esperjenzi fil-komunità, fuq il-postijiet tax-xogħol u f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni avvanzata u ogħla;

xv. tħajjar parteċipazzjoni fi proġetti tal-UE u proġetti oħra skont il-pjan ta' żvilupp tal-iskola u kif miftiehem mas-Senior Management Team tal-iskola;

Għajnuna Personali

Tagħti għajnuna lill-istudenti bi bżonnijiet edukattivi individwali fil-kura u l-indafa personali tagħhom. Din l-għajnuna tinkludi:

i. il-qadi ta' bżonnijiet personali - tindif u ħasil li jinkludi d-dmir li takkumpanja l-istudent sat-toilet; li tgħin lill-istudent jinża' u jilbes; li tnaddaf, taħsel u tagħti shower u li tbiddel s-sanitary towels u l-incontinence pads (ħrieqi);

ii. tieħu ħsieb il-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu maċ-ċaqliq tal-istudenti, fejn u l-mod kif ipoġġu bilqiegħda, inkluż id-dmir li terfa' l-istudenti u tmexxihom fil-wheelchair kif ikun meħtieġ, skont ir-regolamenti tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurtà u skont il-linji gwida internazzjonali. Dawn il-linji gwida huma:

irfigħ sa 27 kilogramm isir minn Learning Support Educator wieħed/waħda; irfigħ minn 28 sa 54 kilogramm (inklużi), isir minn żewġ persuni; 'il fuq minn 54 kilogramm għandu jsir permezz ta' lift mekkaniku;

imbuttar ta' wheelchair sa 45 kilogramm isir darba kultant; sa 28 kilogramm isir ta' spiss; u sa 9 kilogrammi jsir skont il-ħtieġa;

iii. tiżgura li studenti individwali f'kull ħin jakkwistaw l-ogħla benefiċċju edukattiv u jkollhom l-aħjar sigurtà billi tagħti għajnuna waqt l-edukazzjoni fiżika, il-logħob, il-ħarġiet edukattivi u s-sessjonjiet ta' terapija, kif ukoll billi titma' lill-istudent fil-brejk ta' filgħodu, fil-brejk ta' nofsinhar u f'ħinijiet oħra skont il-ħtieġa.

xi. participating in hydrotherapy, multi-sensory, sensory integration and other sessions, in schools, Resource Centres or other centres where such services are available, so as to ensure access to educational and personal entitlements of students;

xii. promoting at all times the aims, ethos and policies of the school, College or Resource Centre deployed in, and actively working as a member of the staff team;

xiii. assisting in the preparation, dissemination and use of teaching resources ensuring their upkeep in class, school and Resource Centres;

xiv. supporting student/s during activities held outside the school premises including experiences in the community, work places and other further and higher educational institutions;

xv. encouraging participation in EU projects and other projects in accordance with the SDP targets and as agreed with the Senior Management Team.

Personal Support

Supporting pupils with individual educational needs in their personal care and hygiene needs. This includes:

i. toileting - cleaning and washing, including accompanying the child to the toilet; undressing and dressing; cleaning, washing and showering; and changing of sanitary towels and incontinence pads;

ii. seeing to the mobility, posture and seating needs, including lifting pupils and pushing pupils in wheelchairs according to Health and Safety Regulations issued under the Health and Safety Authority Act taking into consideration international guidelines. The present guidelines shall be:

lifting up to 27 kilograms shall be undertaken by one Learning Support Educator; lifting between 28 and 54 kilograms (both inclusive) shall be undertaken by 2 persons; beyond 54 kilograms, a mechanical lift is to be used;

pushing wheelchairs: up to 45 kilograms occasionally; up to 28 kilograms frequently; and up to 9 kilograms as necessary;

iii. ensuring the maximum educational benefit and safety for individual pupils at all times by providing them with assistance during physical education, games, excursions and therapy sessions, as well as normal feeding during mid-morning and mid-day breaks and at other times as required.

Dmirijiet waqt it-Trasport

Mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet tas-sid u x-xufier tal-vettura konċernata rigward is-sigurtà tal-passiġġieri u l-osservanza totali tal-liġi u r-regolamenti relatati mat-trasport, il-Learning Support Educator tista' tintalab biex taqdi dmirijet relatati mat-trasport ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi individwali, kif ikunu mfissra fl-istatement uffiċjali, jew skont kif ikun indikat mill-Kap tal-Iskola jew awtorità kompetenti oħra. F'dan il-każ, il-Learning Support Educator għandha:

i. tgħin lill-istudenti jitilgħu u jinżlu minn vettura u, f'każijiet ta' studenti li huma f'wheelchair/buggy, ilibbsulhom iċ-ċineg ta' sigurtà fuq l-istess wheelchair/buggy u ċ-ċineg ta' sigurtà fuq l-istudent/i biex tassigura sigurtà waqt it-trasport;

ii. tieħu ħsieb u tindokra l-istudenti fil-vjaġġ minn u lejn l-iskola kif meħtieġ waqt il-ħinijiet normali tal-iskola. Meta tissorvelja u tindokra lill-istudenti barra mill-ħin tal-iskola, il-Learning Support Educator titħallas bir-rata stabbilità.

Dmirijiet Oħrajn

i. taqdi dmirijiet oħra kif assenjati mid-Direttur Ġenerali, u/jew is-Segretarju Permanenti MEDE;

ii. twettaq dmirijet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont l-istruzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2. Il-persuna magħżula tkun mistennija li ttemm b'suċċess kors ta' Induzzjoni. Barra minn hekk, tkun mistennija li tipparteċipa f'korsijiet għall-iżvilupp professjonali, tkompli f'opportunitajiet ta' Żvilupp Professjonali (CPD) u programmi ta' taħriġ waqt is-servizz (in-service) kif jixraq għar-rwol u l-funzjonijiet tagħha, kif indikat mill-Awtoritajiet Edukattivi. Il-persuna għandha taddotta u taħdem lejn l-implimentazzjoni tal-pjan ta' żvilupp tal-iskola partikulari fejn tkun qed tagħti servizz.

3.3. Kandidat magħżul għandu jipparteċipa fl-attivitajiet tal-iskola biss meta l-istudent/i li jkunu taħt il-ħarsien tiegħu jkunu qed jieħdu sehem attiv.

3.4. Il-persuna magħżula hi mistennija li tagħti servizz skont il-ħtiġiet tal-bżonnijiet ta' kull student fl-iskejjel fi ħdan il-Kulleġġ jew Ċentri, jew f'Ċentri tar-Riżorsi/Tagħlim skont id-direzzjoni tal-Prinċipal tal-Kulleġġ/Kap tal-College Network u/jew Kap tal-Iskola u/jew Assistent Kap ta' Skola, u/jew Kap ta' Dipartiment għall-Inklużjoni u kwalunkwe SMT relatat ieħor.

3.5. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tipprovdi servizz f'aktar minn skola waħda/ċentru u tista' tintbagħat

Transport-related Duties

Without prejudice to the obligations of the owner and driver of the vehicle concerned regarding the safety of passengers and the full observance of the law and regulations related to transport matters, a Learning Support Educator may be required to carry out transport-related duties, with student with individual educational needs, should the requirement be indicated by the official statement or by the Head of School or other competent authorities. In such cases, the Learning Support Educator shall:

i. assist in the boarding and un-boarding of pupils on and off the transport vehicle and, in the case of students who are wheelchair/buggy users, put on the restraints on the wheelchair/buggy and also put on the passenger restraint on the students to ensure safety during transportation;

ii. carry out transport supervision duties to and from school when the transport of pupils during normal school hours is necessary. Supervision duties carried out outside school hours shall be remunerated at the established rates.

Others Duties

i. performing other duties assigned by the Director/s General, and/or the Permanent Secretary MEDE;

ii. performing any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2. A selected candidate shall be expected to successfully complete an induction course. Furthermore, s/he shall be required to participate in professional development courses, Continuing Professional Development (CPD) opportunities and in-service training programmes as appropriate to his/her role and functions as indicated by the Education Authorities. S/he shall adopt and work towards the implementation of the school development plan of the particular school/centre s/he is giving service in.

3.3. A selected candidate shall participate in school activities only when the learner/s they support are taking an active role.

3.4. A selected candidate shall be required to work according to the needs of all learners in the schools within the College or in Centres or Resource/Learning Centres as directed by the College Principal/Head of College Network, and/or Head of School, and/or Assistant Head of School, and/or Head of Department Inclusion and any other related SMT.

3.5. A selected candidate may be required to provide service in more than one school/centre and may be deployed

taqdi dmirijiet minn skola għal oħra skont il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tagħha skont kif ikun meħtieġ mill-Awtoritajiet Edukattivi. Il-persuna magħżula tista' tintbagħat taqdi dmirijiet f'Malta u/jew f'Għawdex skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u tal-MEDE b'mod partikulari.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijie ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal- ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar- relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġ fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża; u

iii. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta sħiħa (Degree) f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu

according to his/her area of specialisation as deemed necessary by the Education Authorities. A selected candidate may be deployed in Malta and/or Gozo according to the exigencies of the Malta Public Service and in particular the MEDE.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matter of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit unde regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessar in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. proficient in the Maltese and English languages; and

iii. in possession of a recognised full qualification (Degree) at MQF Level 6 or higher (subject to a minimum

ECTS/ECVET, je ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003 'il quddiem) fl-Inclusive Education jew kwalifika professjonali komparabbli;

iv. Jekk ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn kandidati eliġibbli skont paragarafu 4.1 (iii) u/jew ma jkunx hemm biżżejjed kandidati li kkwalifikaw, l-eleġibbiltà tiġi estiża għal dawk l-applikanti li jkollhom fil-pussess tagħhom kwalifika rikonoxxuta sħiħa (Diploma) f'Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003 'il quddiem) fl-Inclusive Education jew kwalifika professjonali komparabbli;

v. Jekk ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn kandidati eliġibbli skont paragarafu 4.1 (iv) u/jew ma jkunx hemm biżżejjed kandidati li kkwalifikaw, l-eliġibbiltà tiġi estiża għal dawk l-applikanti li jkollhom fil-pussess tagħhom kwalifika rikonoxxuta sħiħa (Certificate) f'Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 30 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti) fl-Inclusive Education jew kwalifika komparabbli.

Dawk li huma diġà impjegati mal-iskejjel tal-Istat bħala LSE I jew LSE II u jixtiequ jipprogressaw għal grad ogħla, iridu isegwu l-istruzzjonijiet mill-ħoloq li ġejjin:

LSEII
https://education.gov.mt/en/resources/Documents/Application%20Forms/Application%20for%20Promotion%20to%20LSE%20II.pdf jew

LSE III
https://education.gov.mt/en/resources/Documents/Application%20Forms/Application%20for%20Promotion%20to%20LSE%20III.pdf.

LSE Supplimentari jridu japplikaw għal din is-sejħa biex jilħqu grad ta' LSE.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' Masters f'livell 7 ta' MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 60 ECTS/ECVET krettu, fir-rigward ta korsijiet li bdew minn Ottubru 2008.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta'studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta'

of 18 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regards to programmes commencing as from October 2003) in Inclusive Educatio or a comparable professional qualification;

iv. in the absence of applications from eligible candidates according to paragraph 4.1 (iii) and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession of a recognised full qualification (Diploma) at MQF Level (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regards to programmes commencing as from Octobe 2003) in Inclusive Education or a comparable professional qualification;

v. in the absence of applications from eligible candidates according to paragraph 4.1 (iv) and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to applicants in possession of a recognised full qualification (Certificate) at MQF Leve 5 (subject to a minimum of 30 ECTS/ECVET credits, or equivalent) in Inclusive Education or a comparable qualification.

Those already employed with state schools as an LSE I or LSE II and wish to progress to a higher grade are to follow instructions from the following links:

LSE II
https://education.gov.mt/en/resources/Documents/Application%20Forms/Application%20for%20Promotion%20to%20LSE%20II.pdf or

LSE III
https://education.gov.mt/en/resources/Documents/Application%20Forms/Application%20for%20Promotion%20to%20LSE%20III.pdf.

Supply LSE are to apply through this call to progress to an LSE grade.

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 6 ECTS/ECVET credits with regards to programmes commencing as from October 2008.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognized higher MQF level program of study, as required the afore-

hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Barra min hekk, skont il-ftehim settorjali tal-edukazzjoni ffirmat mill-Gvern u mill-Għaqda tal-Għalliema ta' Malta (MUT) fil-21 ta Diċembru 2017, il-kriteriji tal-eliġibbiltà msemmijia fil-paragrafi 4.1 (i) sa (v) hawn fuq, jieħdu f'kunsiderazzjonin s-snin kollha preċedenti ta' servizz sodisfaċenti fil-grad rilevanti u l-kwalifiki akkumulati mill-applikanti. B'hekk, servizz fi rwoli ogħla jew ekwivalenti sal-ħin u d-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li jista' jinkludi rwoli mhux regolati minn dan l-istess ftehim, ma jeskludix kandidati potenzjali milli japplikaw u jiksbu l-eliġibbiltà għal gradi ekwivalenti u/jew gradi anqas.

4.4 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat u maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja

mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Furthermore, as per the education sectoral agreement signed by the Government and the Malta Union of Teachers (MUT) o 21st December 2017, the eligibility criteria mentioned in paragraphs 4.1 (i) to (v) above, will take into consideration all previous years of satisfactory service in the relevant grade and qualifications accrued by applicants. As such, service in higher or equivalent roles by the closing time and date of the call for applications, which may include roles not regulated by the same agreement, will not exclude potential candidates in applying and gaining eligibility for equivalent and/or lower grades.

4.4 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievance Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce an updated Service and Leave Record Form (GP 47) issued not earlier than one (1) month from date o application; those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competen authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualification from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of

tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-edurecruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija **800** u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija **400**.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, permezz tal-Portal tal-Ingaġġ tal-Edukazzjoni BISS fuq l-indirizz (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format pdf, li għandhom ikunu uploaded permezz tal-Portal.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Marzu, 2021.

Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Jekk teħtieġ assistenza ġentilment ikkuntattja Edu Servizz.gov fuq in-numru tat-telefown 153.

Se jsiru 3 proċessi tal-għażla. Il-proċess tal-għażla jikkunsidra applikazzjonijiet li jaslu sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' dawn id-data msemmija hawn taħt:

Data tal-ftuħ: it-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2020 u Data tal-għeluq: il-Ġimgħa, 21 t'Awwissu 2020 Data tal-ftuħ: il-Ġimgħa, 21 ta' Awwissu, 2020 u Data tal-għeluq: il-Ġimgħa, 4 ta' Diċembru, 2020 Data tal-ftuħ: il-Ġimgħa, 4 ta' Diċembru, 2020 u Data tal-għeluq: il-Ħamis, 18 ta' Marzu, 2021.

7.2 Applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

which are to be scanned and sent through the edurecruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is **800** and the pass mark is **400**.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, through the Online Education Recruitment Portal ONLY at the following address (http://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/Certificate of Conduct as applicable which have been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in pdf format, which are to be uploaded through the Portal.

The closing date of the receipt of applications is noon (Central European Time) of Thursday, 18th March, 2021.

A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Should you require assistance with the application kindly contact Edu Servizz. gov on telephone number 153.

The applications received for the above specified date will be grouped in 3 selection processes. The selection process will consider applications received by noon (Central European Time) of the following dates:

Opening date: Monday, 23rd March, 2020 and Closing date: Friday, 21st August, 2020 Opening date: Friday, 21st August, 2020 and Closing date: Friday, 4th December, 2020 Opening date: Friday, 4th December, 2020 and Closing date: Thursday, 18th March, 2021.

7.2 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete documents.

7.3 Minħabba l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku, il-proċess tal-għażla għall-ewwel jikkonsidra applikazzjonijiet li jkunu waslu sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2020. Dawk l-applikanti magħżula jitqiegħdu f'lista ta' ordni tal-mertu li tibqa' valida għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni jew sakemm il-lista tar-riżultat tkun eżawrita, liema waħda minn dawn tkun l-ewwel.

7.4 Madankollu, jekk l-ordni tal-mertu tiġi eżawrita u jibqgħu vakanzi, applikanti oħra jistgħu jiġu assessjati mingħajr il-ħruġ ta' sejħa ġdida għall-applikazzjonijiet, sakemm ikunu ssottomettew l-applikazzjoni sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Marzu, 2021. Tiġi ppubblikata lista ta' ordni tal-mertu għal kull proċess tal-għażla. Kull lista ta' ordni tal-mertu li tiġi ppubblikata tibqa' valida għal sena (1) mid-data tal-pubblikazzjoni.

7.5 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma tistax tinżamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

7.6 Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħujiġuaċċessatipermezztas-sitelettronikutad-Diviżjoni dwar Nies u Standards fl-indirizz (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-6 ta' Marzu, 2020

7.3 Due to the exigencies of the Public Service, the selection process will initially consider applications received by noon (Central European Time) of Monday, 23rd March, 2020. Successful candidates will be placed in an order of merit list which will remain valid for two (2) years from the date of publication or until the result list is exhausted, whichever is the earliest.

7.4 However, should the order of merit list be exhausted and vacancies remain, other applicants may be assessed without recourse to a new call for applications, provided they would have submitted their application by noon (Central European Time) of Thursday, 18th March, 2021. An order of merit for each selection exercise will be published. Each order of merit list published will remain valid for one (1) year from date of publication.

7.5 Applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their applications since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to difficulties in submission. MEDE cannot be held responsible for any delay due to such difficulties.

7.6 Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division at the address (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx).

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for application.

6th March, 2020

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Post ta' Assistant Manager (Procurement) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant Manager (Procurement) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors t' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi, magħmul apposta għall-uffiċjali li jaħdmu fil-qasam tal-Procurement (fil-Livell 4 tal-MQF), fi żmien sena mid-data tal-ħatra, sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra. Għalhekk, uffiċjali ingaġġati li ma jkunux kisbu din il-kwalifika fi żmien il-perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur, jingħataw estensjoni ta' darba tal-perjodu ta' prova tagħhom għal żmien sitt (6) xhur biex jiksbu b'suċċess din il-kwalifika.

2.4 Is-salarju t'Assistant Manager (Procurement) li jidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (iii) (c) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2020 huwa ta' €18,142.00 fis-sena, li jiżdied bi €354.00 fis-sena sa massimu ta' €20,266.00.

2.5 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager (Procurement) fi Skala ta' Salarju 12 tipprogressa għal Skala 11 li fis-sena 2020 huwa ta' €19,350.00 fis-sena li jiżdied bi €375.17 fis-sena sa massimu ta' €21,601.00 mal-kisba ta' Diploma fil-Livell 5 tal-MQF kif imsemmija fil-paragrafu 4.1(iii) (b), f'perjodu ta' mhux iktar minn sentejn (2) mid-data tal-ħatra, fejn fil-każ li dan ma jseħħx, il-ħatra tiġi mneħħija.

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Post of Assistant Manager (Procurement) in the Ministry for Education and Employment

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education and Employment (MEDE) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEDE adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Education Regulations 2016) in its recruitment process.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment invites applications for the post of Assistant Manager (Procurement) in the Ministry for Education and Employment.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.7, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the Recruitment Portal only (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/ Certificate of Conduct as applicable, which have been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is noon (Central European Time) of Monday, 23rd March, 2020. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date of up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning thi call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa huwa (https://deputyprimeminister.gov.mt), in-numru tal-fax huwa +356 2299 2604, u l-indirizz elettroniku huwa (recruitment.health@gov.mt).

Is-6 ta' Marzu, 2020

submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address of the Ministry for Health is (https://deputyprimeminister.gov.mt), the fax number is +356 2299 2604, and the email address is (recruitment.health@gov.mt).

6th March, 2020

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sejħa għall-Applikazzjonijiet għall-Post ta' Senior Manager (Finanzi u Xiri) fl-Aġenzija servizz.gov, Uffiċċju tal-Prim Ministru

(Permess tal-Jobsplus Nru. 107/2020)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Il-Kap Eżekuttiv, servizz.gov jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Senior Manager (Finanzi u Xiri) fl-Aġenzija servizz.gov fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Il-persuna magħżula tinħatar fil-post ta' Senior Manager (Finanzi u Xiri) fl-Aġenzija servizz.gov, fuq bażi indefinita.

2.2 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Salarju tal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju ta' Senior Manager (Finanzi u Xiri) huwa ta' €29,346 (għas-sena 2020) li jiżdied b'€641 fis-sena sa massimu ta' €31,190.

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Call for Applications for the Post of Senior Manager (Finance & Procurement) at servizz.gov Agency, Office of the Prime Minister

(Jobsplus Permit No. 107/2020)

Nomenclature denoting the male gender include also the female gender

1. The Chief Executive Officer, servizz.gov invites applications for the post of Senior Manager (Finance & Procurement) within servizz.gov Agency within the Office of the Prime Minister.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 The selected candidate will be appointed in the post of Senior Manager (Finance & Procurement) within the servizz.gov Agency on an indefinite basis.

2.2 The appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

Salary of Position

3.1 The salary for the post of Senior Manager (Finance and Procurement) is €29,346 (in 2020) rising by annual increments of €641 up to a maximum of €31,190.

3.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata għall-ħlas ta' performance bonus sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku, marbut ma' xogħol sodisfaċenti.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet

4. Id-dmirijiet ta' Senior Manager (Finanzi u Xiri) jinkludu li :

Finanzi

i. Tiġbor u tanalizza informazzjoni finanzjarja għat-tħejjija tar-rapporti finanzjarji li jinkludu l-accounts ta' kull xahar kif ukoll dawk annwali;

ii. Tiżgura l-ipproċessar preċiż u f'waqtu ta' tranżazzjonijiet fiskali u finanzjarji, kif ukoll l-irrekordjar, ir-rintraċċar u r-rikonċiljazzjoni ta' dawn it-tranżazzjonijiet;

iii. Tiżgura li r-rekords finanzjarji jinżammu f'konformità mal-proċeduri u l-linji gwidi stabbiliti;

iv. Tiżgura li r-rappurtaġġ finanzjarju jintbagħat fil-ħin stipulat;

v. Tipprepara l-management accounts u rapporti oħra;

vi. Tiżgura li rapporti finanzjarji perjodiċi jinħarġu fil-ħin u b'mod preċiż;

vii. Tistabbilixxi u tissorvelja l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni relatati mal-proċeduri ta' kontroll ta' kontabbiltà;

viii. Tassessja l-allokazzjonijiet baġitarji kemm għas-sena li tkun ġejja kif ukoll abbażi tal-Pjan Finanzjarju għat-tliet snin ta' wara, u l-monitoraġġ tiegħu matul is-sena;

ix. Issolvi diskrepanzi u irregolaritajiet relatati mal-accounts;

x. Tiżgura li l-kontijiet jitħallsu fil-ħin;

xi. Tiżgura li r-rikonċiljazzjonijiet perjodiċi tal-bank isiru fil-ħin;

xii. Tipprepara skeda ta' ħlasijiet u tiżgura li l-ħlasijiet isiru kif skedat;

xiii. Tiżgura sapport u mmaniġġjar kontinwu tal-baġits kif ukoll tal-attivitajiet previsti;

xiv. Tagħmel l-arranġamenti finanzjarji għad-dejn u għas-subventions;

3.2 Selected person will also be entitled to the payment of a performance bonus of up to a maximum of 15% of basic salary, subject to satisfactory performance.

Duties and Responsibilities

4. The duties of the Senior Manager (Finance & Procurement) involve:

Finance

i. Compiles and analyses financial information to prepare financial statements including monthly and annual accounts;

ii. Ensures timely and accurate processing of fiscal and financial transactions, recording, tracking and reconciliation;

iii. Ensures financial records are maintained in compliance with accepted policies and procedures;

iv. Ensures all financial reporting deadlines are met;

v. Prepares financial management accounts and reports;

vi. Ensures accurate and timely monthly, quarterly and year end close;

vii. Establishes and monitors the implementation and maintenance of accounting control procedures;

viii. Assesses budgetary allocations both for the next following year and on the basis of a three-year Financial plan, and their continuous monitoring during the course of the year;

ix. Resolves accounting discrepancies and irregularities;

x. Ensures that accounts payable are paid in a timely manner;

xi. Ensures that periodic bank reconciliations are completed on time;

xii. Prepares payment schedule and ensures that required debt payments are made on a timely basis;

xiii. Ensures continuous management and support of budget and forecast activities;

xiv. Arranges for debt and subvention financing;

xv. Tassessja l-virements fi ħdan il-Voti kif ukoll titlob għal fondi addizzjonali;

xvi. Iżżomm is-sistema tal-fajls tal-accounts b'mod ordnat;

xvii. Iżżomm sistema ta' kontrolli fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji;

xviii. Tissorvelja u tassisti fi kwistjonijiet relatati ma' taxxa u VAT;

xix. Tissorvelja l-cash flow;

xx. Torganizza u twettaq verifiki, awditjar u spezzjonijiet finanzjarji, kif meħtieġ u xieraq;

xxi. Tiżgura li r-rekordjar u l-analiżi tad-dħul u tal-ispejjeż isiru b'mod preċiż;

xxii. Tanalizza u tagħti pariri fuq l-operat tal-Aġenzija inkluż xejriet ta' dħul u nfiq, l-impenji finanzjarji u d-dħul futur;

xxiii. Tanalizza informazzjoni finanzjarja biex tirrakkomanda jew tiżviluppa użu effiċjenti ta' riżorsi u proċeduri, kif ukoll tipprovdi rakkomandazzjonijiet strateġiċi għal problemi kummerċjali u finanzjarji;

xxiv. Tikkordina l-informazzjoni mitluba mill-awdituri esterni waqt il-verifiki annwali;

xxv. Tiżgura li r-rappurtaġġ tal-gvern u t-tax filings isiru kif u meta mitlub;

xxvi. Tiżgura konformità mal-proċeduri u r-regolamenti tal-gvern, inkluż is-sottomissjoni tar-rapporti ta' kull xahar, tliet xhur u dawk annwali lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru kif ukoll lill-Ministeru tal-Finanzi;

xxvii. Iżżomm kuntatt mas-Servizzi Korporattivi tal-Uffiċju tal-Prim Ministru kif ukoll tal-Ministeru tal-Finanzi;

xxviii. Iżżomm ruħha aġġornata mal-accounting standards, mal-leġiżlazzjoni finanzjarja u l-proċeduri tal-gvern. Barra minn hekk, iżżomm ruħha aġġornata fuq is-sistemi, il-proċeduri u l-applikazzjonijiet ta' kontabilità u tattendi taħriġ kif mitlub, filwaqt li tassigura li żżomm lill-ħaddiema tagħha aġġornati;

xxix. Tikkontribwixxi fil-formulazzjoni u/jew aġġornament tal-Policy Finanzjarja tal-Aġenzija kif mitlub.

Xiri Pubbliku

i. Tmexxi l-istadji kollha fiċ-ċiklu tax-xiri pubbliku, inkluż il-preparazzjoni tad-dokumenti tax-xiri u jservi bħala Chairperson/Membru fil-proċess t'evalwazzjoni;

xv. Assesses virements within Votes as well as requests for additional funding;

xvi. Maintains an orderly accounting filing system;

xvii. Maintains a system of controls over accounting transactions;

xviii. Monitors and supports taxation and VAT issues;

xix. Monitors cash flow;

xx. Commissions and/or carries out financial checks, audits, inspections as necessary and appropriate;

xxi. Ensures accurate and appropriate recording and analysis of revenues and expenses;

xxii. Analyses and advises on the Agency's operations including revenue and expenditure trends, financial commitments and future revenues;

xxiii. Analyses financial information to recommend or develop efficient use of resources and procedures, provides strategic recommendations and maintains solutions to business and financial problems;

xxiv. Coordinates the provision of information to external auditors for the annual audit;

xxv. Complies with government reporting requirements and tax filings when required;

xxvi. Complies with government procedures and regulations, including the filing of monthly, quarterly and annual reports to the Agency's line Ministry as well as Ministry for Finance;

xxvii. Liaises with line Ministry Corporate Services and Ministry for Finance;

xxviii. Keeps abreast with accounting standards, financial legislation and government policies. Also, keeps abreast with accounting systems, procedures and applications, and follows training as directed, whilst ensuring that any updates are disseminated to staff under his/her supervision;

xxix. Contributes towards the formulation and/or updating of the Agency's Financial Policy as directed.

Public Procurement

i. Manages all stages throughout the public procurement cycle, including the preparation of procurement documents and act as a Chairperson/Member within the evaluation process;

ii. Tivverifika b'mod dettaljat id-dokumenti tax-xiri relatati mat-tenders għall-provvisti, servizzi jew xogħol;

iii. Tmexxi l-proċessi kollha meħtieġa għall-pubblikazzjoni tat-tenders kif ukoll għas-sejħiet għall-offerti;

iv. Twieġeb kwalunkwe kjarifika li tista' tinqala' matul il-perjodu tas-sejħa għall-offerti kif ukoll waqt l-evalwazzjoni;

v. Tirrevedi/Tgħin fl-għażla tal-membri tal-ħaddiema tal-Aġenzija biex iservu bħala membri fil-Bordijiet t'Evalwazzjoni;

vi. Tara li r-rapporti t'evalwazzjoni mħejjija mill-Kumitati tal-Evalwazzjoni jsiru b'mod korrett u tara li dawn jgħaddu għall-approvazzjoni tad-DCC;

vii. Tipprepara u tgħin fil-formulazzjoni u l-iffirmar tal-kuntratti u dokumenti oħra relatati mat-tenders u/jew mas-sejħiet għall-offerti;

viii. Tipprepara rapporti kull xahar relatati max-xiri pubbliku biex tippermetti l-monitoraġġ u l-infurzar tal-proċeduri tax-xiri pubbliku;

ix. Tħaddem il-portal uffiċjali tal-gvern relatat max-xiri pubbliku (l-ePPS) li jintuża għall-immaniġġjar tas-sejħiet tat-tenders u r-rappurtaġġ tax-xiri pubbliku;

x. Tiżgura li l-oġġetti/is-servizzi li tirċievi l-Aġenzija huma skont l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fuq il-Purchase Orders jew fil-kuntratti;

xi. Tiżgura li l-oġġetti/s-servizzi jaslu fil-ħin skont kif maqbul permezz ta' strateġiji effiċjenti;

xii. Tipparteċipa u tirrappreżenta l-Aġenzija f'laqgħat (kemm interni kif ukoll esterni) kif irrakkomandat mill-Kap (Servizzi Korporattivi) u mill-Kap Eżekuttiv;

xiii. Dmirijiet oħra relatati mal-Finanzi u Xiri Pubbliku kif assenjati mill-Kap (Servizzi Korporattivi) u l-Kap Eżekuttiv minn żmien għal żmien.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

ii. Effects detailed vetting of procurement documents for supplies, services or work tenders;

iii. Manages all the necessary processes for the publication of the calls for tenders/CfQs;

iv. Answers any clarifications that may arise during the tendering period and evaluation;

v. Reviews/assists in the selection of members of staff to sit on the Evaluation Committee;

vi. Spearheads and prepares the review of evaluation reports prepared by the Evaluation Committees for DCC meetings;

vii. Prepares and assists in the drafting and signing of contracts and other related documents for tenders and/or CfQs;

viii. Prepares monthly status reports to enable the monitoring and enforcement of public procurement procedures;

ix. Operates the e-procurement portal (ePPS), used for management of calls for tenders and reporting of public procurement;

x. Monitors that items/services received are as per specifications set out in relevant purchase orders and/or contract agreement;

xi. Ensures that goods and supplies are received just-in-time through efficient strategies;

xii. Participates and represents the Agency in meetings (internal and external) as recommended by the Head (Corporate Services) and Chief Executive Officer;

xiii. Other job-related duties related to procurement and finance as assigned by the Head (Corporate Services) and Chief Executive Officer from time to time.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta› residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) ikunu proficjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

(ii) be proficient in the Maltese and English languages;

(iii) għandhom kwalifika ta' Masters f'Livell 7 tal-MQF (suġġett għal 60 krettu ECTS/ECVE, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008) fl-Accountancy jew kwalifika sħiħa tal-ACCA jew kwalifika professjonali rikonoxxuta u ekwivalenti fl-Accountancy;

(iii) be in possession of a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Accountancy or a fully ACCA qualification or a recognised comparable professional qualification in Accountancy;

(iv) għandhom warrant ta' Certified Public Accountant maħruġ mill-Bord tal-Accountancy ta' Malta jew konferma bil-miktub maħruġa mill-istess Board li jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji rilevanti biex jippossedu dan il-warrant sal-għeluq ta' din is-sejħa;

(iv) be in possession of a warrant of Certified Public Accountant issued by the Accountancy Board of Malta or a written confirmation issued by the said Board that they satisfy the relative statutory requirements for the possession of such a warrant by the closing date of this call;

(v) għandhom sentejn esperjenza ta' xogħol bħala Accountant/Finance Manager.

(v) have two (2) years work experience as an Accountant/Finance Manager.

5.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

5.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell għola tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat u maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwaliki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). Dawn id-dokumenti ma jistgħux jiġu sottomessi aktar tard minn jumejn (2) mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, taht l-ebda ċirkostanza.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija **100%** u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija **50%**.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet, fejn għandu jiġi kkwotat in-numru tar-referenza rilevanti (tal-Jobsplus) flimkien ma' Curriculum Vitae ddettaljat, li juri l-kwalifiki u l-esperjenza u Service and

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a higher recognised MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

Submission of Supporting Documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). Under no circumstances should any such documents be submitted after two (2) working days from the closing date.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

7.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is **100%** and the pass mark is **50%**.

Submission of Applications

8. Applications, quoting the relevant reference number (Jobsplus) together with a detailed Curriculum Vitae showing qualifications and experience and a Service and

Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-kondotta skont kif applikabbli, f'format pdf, li għandhom ikunu uploaded permezz tal-Portal u kwalunkwe dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti għandhom jiġu sottomessi għall-attenzjoni tal-Kap Eżekuttiv, servizz.gov, permezz tar-Recruitment Portal biss fuq l-indirizz: (https://recruitment.gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2020. Fil-każ ta' impjegati tas-settur pubbliku, dawn għandhom jippreżentaw paid leave/unpaid leave/sick leave records għall-aħħar erba' snin, inkluż kwalunkwe records ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali records jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja). Ittra elettronika ġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni.

Is-6 ta' Marzu, 2020

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sejħa għall-Applikazzjonijiet għall-Post ta' Senior Manager (ICT & Data) fl-Aġenzija servizz.gov, Uffiċċju tal-Prim Ministru

(Permess tal-Jobsplus Nru. 108/2020)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Il-Kap Eżekuttiv, servizz.gov jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Senior Manager (ICT & Data) fl-Aġenzija servizz.gov fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Il-persuna magħżula tinħatar fil-post ta' Senior Manager (ICT & Data) fl-Aġenzija servizz.gov, fuq bażi indefinita.

2.2 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Salarju tal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju ta' Senior Manager (ICT & Data) huwa ta' €29,346 (għas-sena 2020) li jiżdied b' €641 fis-sena sa massimu ta' €31,190.

3.2 Il-persuna magħżula tkun intitolata għall-ħlas ta' performance bonus sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku, marbut ma' xogħol sodisfacenti.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet

4. Id-dmirijiet ta' Senior Manager (ICT & Data) jinkludu:

Leave Record Form (GP 47)/Certificate of conduct where applicable and any other relevant supporting documentation are to be submitted, for the attention of the Chief Executive Officer, servizz.gov, through the Recruitment Portal only at the following address: (https://recruitment.gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Monday, 23rd March, 2020. In the case of Public sector employees, these are to present their paid leave/unpaid leave/sick leave records for the last four years, including any records of any disciplinary action that may have been taken (in the absence of such records it will be understood that no disciplinary action was ever taken). A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application.

6th March, 2020

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Call for Applications for the Post of Senior Manager (ICT & Data) at servizz.gov Agency, Office of the Prime Minister

(Jobsplus Permit No. 108/2020)

Nomenclature denoting the male gender include also the female gender

1. The Chief Executive Officer, servizz.gov invites applications for the post of Senior Manager (ICT & Data) within servizz.gov Agency within the Office of the Prime Minister.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 The selected candidate will be appointed in the post of Senior Manager (ICT & Data) within the Servizz.gov Agency on an indefinite basis.

2.2 The appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

Salary of Position

3.1 The salary for the post of Senior Manager (ICT & Data) is €29,346 (in 2020) rising by annual increments of €641 up to a maximum of €31,190.

3.2 Selected person will also be entitled to the payment of a performance bonus of up to a maximum of 15% of basic salary, subject to satisfactory performance.

Duties and Responsibilities

4. The duties of the Senior Manager (ICT & Data) involve:

Tassisti lill-Kap (ICT & Data) u lis-senior management biex tiġi żgurata l-ottimizzazzjoni sħiħa u li r-ritorn fuq l-investiment ikun sigur minn kwalunkwe investiment fl-ICT, filwaqt li r-realizazzjoni tal-benefiċċji intenzjonati u l-ispiża totali tal-ICT tinżamm għall-minimu;

Tifhem x'inhuma s-servizzi tal-aġenzija u l-mezzi ta' kif jitwassal is-servizz;

Tikteb rapporti tekniċi u/jew gwidi għall-utenti relatati mal-qasam tal-ICT, jew rapporti oħra li jkunu meħtieġa minn żmien għal żmien;

Tiżgura li l-proċeduri u prattiċi interni tal-ICT huma f'konformità mal-policies tal-gvern relatati mal-ICT;

Tassisti fl-analiżi, fl-evalwazzjoni u fl-implimentazzjoni tax-xiri tal-hardware u s-software;

Tissorvelja u tiżgura li s-servizzi tal-ICT provduti minn kumpaniji terzi qed jingħataw skont l-obbligi kuntrattwali;

Timmaniġġja proġetti u servizzi li huma organizzati internament mill-aġenzija jew kumpaniji terzi, u timmaniġġja kwalunkwe kuntratt maħruġ għall-aġenzija b'mod effiċjenti u effettiv;

Issegwi proġetti tal-ICT relatati mas-servizzi offruti mill-gvern u li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' diversi Ministeri;

Tevalwa s-servizzi offruti mill-gvern biex tidentifika servizzi xierqa li jistgħu jiġu offruti permezz tal-pjattaforma diġitali u mezzi oħra tal-gvern;

Tiżgura konformità mal-linji gwida applikabbli u li mhumiex limitati biss mas-servizzi diġitali;

Tivverifika s-sistemi disponibbli tal-ICT u Data u ssegwi kull pjan ta' titjib;

Iżżomm kuntatt kontinwu mal-Ministeri, Dipartimenti, IMUs u MITA fost oħrajn, biex jiġu żgurati proċeduri u proċessi ta' servizzi diġitali effiċjenti;

Tiżgura li l-aġenzija qed tadotta approċċ ta' bidla għall-introduzzjoni ta' applikazzjonijiet u proċessi ġodda, filwaqt li tipproponi kwalunkwe proċess intern li jiffaċilita s-servizzi u l-prodotti tal-ICT b'mod effiċjenti u effettiv biex jiġi żgurat li jittieħdu l-benefiċċji intenzjonati;

Tikkordina l-User Acceptance Testing u tħejji pjanijiet direzzjonali tal-applikazzjoni, definizzjonijiet tar-rekwiżiti, gwidi għat-taħriġ, filwaqt li tipprovdi taħriġ għall-użu effettiv tal-applikazzjonijiet tal-ICT u oħrajn biex jiġi żgurat l-użu xieraq tagħhom;

Assists the Head of ICT & Data and other senior management to ensure the full optimization and return on investment is secured from any ICT investment, the realization of the intended benefits and the agency's total cost of (ICT) ownership is kept to a minimum;

Understands the agency's service provision and delivery channels;

Writes technical reports and/or user guides related to the ICT field, or any other that can be required from time to time;

Ensures the alignment of the internal ICT procedures and practices with respect to the Government ICT policies;

Assists in the analysis, evaluation purchasing and implementation of IT hardware and software;

Monitors and ensures that contracted suppliers are delivering services and products in accordance with contractual obligations;

Manages projects and services being delivered internally by the agency and/or 3rd party supplier(s), and manages any contracted deliverable to the agency, in an efficient and effective manner;

Follows ICT projects related to government services falling under the responsibility of government Ministries;

Assesses government services to identify suitable services that can be made available through the government digital platform and channels;

Ensures compliance with all pertinent guidelines but not limited to those related to digital services;

Audits the available ICT & Data systems and follows up on any improvement plans;

Maintains communication with government ministries, departments, IMUs and MITA or other designated ICT service provider, to ensure efficient workflow and processes of digital services;

Ensures that the agency is adopting a change management approach to the introduction of new applications and processes, proposes any efficient and effective internal processes that facilitate the delivery of ICT services and products and their intended benefits;

Coordinates User Acceptance Testing and prepares application roadmaps, requirements definitions, training guides and provides training for the effective utilization of the ICT and business applications to ensure increased take-up and their appropriate use;

Twettaq xogħol ta' riċerka dwar l-iżvilupp ta' teknoloġija relatata, speċjalment dawk li għandhom impatt fuq is-servizzi online u dawk diġitali;

Dmirijiet oħra relatati mal-ICT u Data kif assenjati mill-Kap Eżekuttiv u mis-senior management minn żmien għal żmien.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta› residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment għall-Affarijiet taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu proficjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

Conducts research on the development of related technology especially those directly impacting the online and digital services environment;

Any duties that may be assigned by the agency CEO and the other servizz.gov senior management.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) be proficient in the Maltese and English languages;

(iii) għandhom kwalifika ta' Baċellerat f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008) fl-Informazzjoni Teknoloġika u Komunikazzjoni jew f'qasam ta' studju relatat jew kwalifika professjonali komparabbli, flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti f'ambjent tal-ICT*;* JEW

għandhom kwalifika ta' Masters f'Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008) fl-Informazzjoni Teknoloġika u Komunikazzjoni jew f'qasam ta' studju relatat jew kwalifika professjonali komparabbli, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti f'ambjent tal-ICT.

5.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell għola tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwaliki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom ijintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun skennjati u mibgħuta

(iii) in possession of a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Information and Communication Technology or in a related field of study or a comparable professional qualification, plus three (3) years of relevant work experience in an ICT environment; OR

in possession of a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Information and Communication Technology or in a related field of study or a comparable professional qualification, plus two (2) years of relevant work experience in an ICT environment.

5.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a higher recognised MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

Submission of Supporting Documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the

permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). Dawn id-dokumenti ma jistgħux jiġu sottomessi aktar tard minn jumejn (2) mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, taht l-ebda ċirkostanza.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija **100%** u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija **50%**.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet, fejn għandu jiġi kkwotat in-numru tar-referenza rilevanti (tal-Jobsplus) flimkien ma' Curriculum Vitae dettaljat li juri l-kwalifiki u l-esperjenza u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-kondotta skont kif applikabbli, f'format pdf, li għandhom ikunu uploaded permezz tal-Portal u kwalunkwe dokumentazzjoni ta' sostenn relevanti għandhom jiġu sottomessi għall-attenzjoni tal-Kap Eżekuttiv, servizz.gov, permezz tar-Recruitment Portal biss fl-indirizz: (https://recruitment.gov.mt) sa mhux aktar tard minnofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Marzu, 2020. Fil-każ ta' impjegati tas-settur pubbliku, dawn għandhom jippreżentaw paid leave/unpaid leave/sick leave records għall-aħħar erba' snin, inkluż kwalunkwe records ta' xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta' tali records jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja). Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni.

Is-6 ta' Marzu, 2020

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Post ta' Practitioner II (Psikoterapija) fid-Diviżjoni tan-Nies u Standards, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti (Nies u Standards) fid-Diviżjoni tan-Nies u Standards, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Practitioner II (Psikoterapija) fid-Diviżjoni tan-Nies u Standards, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). Under no circumstances should any such documents be submitted after two (2) working days from the closing date.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is **100%** and the pass mark is **50%**.

Submission of Applications

8. Applications, quoting the relevant reference number (Jobsplus) together with a detailed Curriculum Vitae showing qualifications and experience and a Service and Leave Record Form (GP 47)/Certificate of conduct where applicable and any other relevant s,upporting documentation are to be submitted, for the attention of the Chief Executive Officer, servizz.gov, through the Recruitment Portal only at the following address: (https://recruitment.gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Monday, 23rd March, 2020. In the case of Public sector employees, these are to present their paid leave/unpaid leave/sick leave records for the last four years, including any records of any disciplinary action that may have been taken (in the absence of such records it will be understood that no disciplinary action was ever taken). A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application.

6th March, 2020

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Post of Practitioner II (Psychotherapy) in the People and Standards Division, within the Office of the Prime Minister

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary (People and Standards), in the People and Standards Division, within the Office of the Prime Minister invites applications for the post of Practitioner II (Psychotherapy) in the People and Standards Division, within the Office of the Prime Minister.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Practitioner II (Psikoterapija) huwa ta' Skala ta' Salarju 7, li fl-2020 huwa ta' €24,894 fis-sena, li jiżdied b' €531.17 fis-sena sa massimu ta' €28,081.

2.4 Persuna fil-grad ta' Practitioner II (Psikoterapija) titla' fi Skala ta' Salarju 6 (€26,543 x €596.33 - €30,121 fis-sena 2020) wara tliet (3) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Il-kandidati magħżula jkunu wkoll intitolati għall-ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħhom.

2.6 Ġaladarba jiġi appuntat għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-kandidat maħtur jiġi rikjest biex jirrifjuta kwalunkwe applikazzjoni oħra li attwalment il-proċess tagħha fi ħdan is-Servizz Pubbliku għadu għaddej u li dakinhar tad-data tal-ħatra jkun għadu pendenti, bla ebda preġudizzju għas-sejħiet tal-applikazzjoniet tas-SAAC (li tinkludi wkoll l-Assistenti Diretturi).

2.7 Applikazzjonijiet laterali minn Uffiċjali Pubbliċi, li diġà għandhom ħatra fl-istess grad imsemmi f'din is-sejħa, huma aċċettati biss bil-kundizzjoni li l-ispeċjalizzazzjoni marbuta ma' din il-vakanza hija differenti minn dik relatata mal-ħatra kurrenti tal-applikanti u liema vakanza tirrikjedi kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit tal-eliġibbiltà, li l-applikant huwa mistenni li jissodisfa.

a. Il-kandidati magħżula iridu jservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn (2), bla ebda preġudizzju għas-sejħiet tal-applikazzjonijiet tas-SAAC (li tinkludi ukoll l-Assistenti Diretturi).

2.8 Mhux ser ikun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-Psikoterapija, suġġett għad-disponibbiltà ta' postijiet vakanti u l-esiġenzi tal-Maniġment.

2.9 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Practitioner II (Psikoterapija) jinkludu li:

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Is-6 ta' Marzu, 2020

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża illi, b'referenza għall-avviż il-ġdid li ġej, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fid-data u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jiġu mitfugħa fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, Il-Furjana.

Sal-10.00 a.m., it-Tlieta, is-7 ta' April, 2020, għal:

CT 001/2020. Qafas ta' ftehim għat-tneħħija b'emerġenza ta' strutturi perikolużi u xogħlijiet ta' appoġġ fil-fondi tal-Gvern f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex – Awtorità tad-Djar.

Informazzjoni dwar is-sejħa ta' hawn fuq tinsab fis-sit elettroniku tad-Dipartiment (http://www.contracts.gov.mt/).

Is-6 ta' Marzu, 2020

AĠENZIJA ŻGĦAŻAĠĦ

Aġenzija Żgħażagħ Youth Village Facilities Santa Venera – Upgrading of Audio System in Misty and Ochre Seminar Rooms

Aġenzija Żgħażagħ, fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol, qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal

Epilim Chrono®) Lot 3: Sodium valproate 200mg per 5ml oral solution as Epilim® in a suitable flavoured vehicle.

The above Central Procurement and Supplies Unit Request for Participation can be downloaded from (http://health.gov.mt/en/cpsu/Pages/Request-for-Participation-(RFPs).aspx).

6th March, 2020

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference No. 0503U20 Medicinals, 0503U20 Devices will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 10th March, 2020.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

6th March, 2020

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following new advertisement will be received on the date and time indicated below. Tenders are to be deposited in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana.

Up to 10.00 a.m. on Tuesday, 7th April, 2020, for:

CT 001/2020. Framework agreement for the emergency dangerous structure removal and support works in Government tenements in different localities in Malta and Gozo – Housing Authority.

Information regarding the tender above can be obtained from the Department's website (http://www.contracts.gov.mt/).

6th March, 2020

AĠENZIJA ŻGĦAŻAĠĦ

Aġenzija Żgħażagħ Youth Village Facilities Santa Venera – Upgrading of Audio System in Misty and Ochre Seminar Rooms

Aġenzija Żgħażagħ, within the Ministry for Education and Employment, is in the process of upgrading its Youth

sistema ta' awdjo kompatibbli mar-regolamenti tal-Malta Communications Authority.

Aktar informazzjoni hija aċċessibbli fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Żgħażagħ (www.agenzijazghazagh.gov.mt).

Sottomissjoni dettaljata (itemised submission), inkluż informazzjoni dwar il-materjal propost li jiġi użat, flimkien mal-offerta finanzjarja inkluża l-VAT, jiġu milqugħa minn Aġenzija Żgħażagħ (eks Umberto Calosso), Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, f'envelop issiġillat għall-attenzjoni ta' Rowena M. Borg sa mhux aktar tard minn nofsinhar CET tat-Tnejn, 30 ta' Marzu, 2020.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed sabiex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien ġurnata mis-sottomissjoni.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni jew kjarifiki jinkisbu mingħand Rowena M. Borg fuq 2258 6700 mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 a.m. sal-4.30 p.m. jew permezz ta' ittra elettronika lil (rowena.borg@gov.mt).

Is-6 ta' Marzu, 2020

Village Seminar Halls' audio system with the current Malta Communications Authority guidelines.

More information can be downloaded from Aġenzija Żgħażagħ website (www.agenzijazghazagh.gov.mt).

An itemised submission of labour and material including literature review of the proposed products, together with the financial package made up of a global price VAT inclusive, is to be submitted to Aġenzija Żgħażagħ, (ex Umberto Calosso), Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1013, in a sealed envelope for the attention of Rowena M. Borg by not later than noon CET of Monday, 30th March, 2020.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above stipulated deadline. These applications will be acknowledged in writing by Aġenzija Żgħażagħ within one day.

Late applications will not be considered.

Further information or queries can be obtained from Rowena M. Borg on 2258 6700 from Monday to Friday from 8.30 a.m. till 4.30 p.m. or via email (rowena.borg@gov.mt).

6th March, 2020

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

333

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-26 ta' Frar, 2020, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet EG Overseas Services B.V. vs Net Gaming Group Limited, Rikors Numru 40/20 AF, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata Net Gaming Group Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-ismijiet EG Overseas Services B.V. Vs Net Gaming Group Limited, fl-14 ta' Jannar, 2020, is-soċjetà rikorrenti EG Overseas Services B.V. (Numru ta' Reġistrazzjoni 135218) talbet lis-soċjetà konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti,

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitur tas-soċjetà attriċi, fl-ammont komplessiv ta' sitt mija u sitta u ħamsin elf erbgħa u ħamsin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€656,054.21) u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-imsemmi debitu.

By means of a decree give, by the First Hall Civil Court, on the 26th February, 2020, in the records of the Sworn Application in the names EG Overseas Services B.V. vs Net Gaming Group Limited, Applicationm Number 40/20 AF, the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant company Net Gaming Group Limited, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names EG Overseas Services B.V. vs Newt Gaming Group Limited, on the 13th January, 2020, the applicant company EG Overseas Services B. V. (Number of Reġistration 135218) asked the defendant company to state why this Honourable Court should not,

1. Decide this cause withour proceeding to a hearing in terms of Articles 167 et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta and declare that the defendant company is a debtor of the plaintiff company in the global amount of six hundred fity six thousand and fifty four euro and twenty one centrs (€656,054.21) and condemn the defendant company to pay the plaintiff companny the said debt.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet EG Overseas Services B. V. VS Net Gaming Group Limited, Rikors Numru 40/20 AF, jinsab differit għas-smigħ għall-Erbgħa, 11 ta' Marzu, 2020, fid -9.30 a.m.

Soċjetà Intimata: 86, Main Street, St Julian's STJ 1015; jew
Mayfair Business Centre, St Augustine Street, St Julian's

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Marzu, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn Application in the names EG Overseas Services B.V. vs Net Gaming Group Limited, Application Number 40/20 AF has been deferred for hearing to Wednesday, 11th March, 2020, at 9.30 a.m.

Respondent Company: 86, Main Street, St Julian's STJ 1015; or
Mayfair Business Centre, St Augustine Street, St Julian's

Registry of the Superior Courts,today 2nd March, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

334

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (RGM) fid-17 ta' Frar, 2020, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Cefai Christine vs J.B. Property Limited, Rikors Numru 1014/19 RGM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Joseph Bellia bħala company secretary ta' J.B. Property Ltd (C 30442) u s-soċjetà konvenuta J.B. Property Limited (C 30442) a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Christine Cefai (KI 422515L) vs J.B. Property Limited (C 30442) fl-24 ta' Ottubru, 2019, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti,

1. Tiddikjara li s-soċjetà intimata naqset milli tonora l-obbligi tagħha kif kuntrattati minnha permezz ta' konvenju datat 31 ta' Ottubru, 2017, għall-bejgħ tal-appartament internament immarkat A6 formanti parti mill-blokk ta' appartamenti bla numru fi Triq A. Caligari, Ħaż-Żabbar, kif jingħad fir-rikors u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors fosthom il-likwidazzjoni tad-danni u ħlas tal-istess.

Bl-ispejjeż, kontra s-soċjetà intimata inġunta in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Cefai Christine vs J.B. Property Limited, Rikors Numru 1014/19 RGM, jinsab differit għas-smigħ għat-12 ta' Marzu, 2020, fl-10.00 a.m.

Notifika: Joseph Bellia, bħala company secretary, tas-soċjetà J.B. Property Ltd (C 30442) 351, Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara
J.B. Property Ltd, 351, Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Marzu, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the First Hall Civil ourt (RGM) on the 17th February, 2020, in the records of the Sworn Application in the names Cefai Christine vs J.B. Property Limited, Application Number 1014/19 RGM, the following publication was ordered for the purpose of service of Joseph Bellia as company secretary of J.B. Property Ltd (C 30442) and the defendant company J.B. Property Limited (C 30442) in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Christine Cefai (ID 422515L) vs J.B. Property Limited (C 30442) on the 24 th October, 2019, the applicant asked this Honourable Court,

1. To declare that the respondent company failed to honour its obligations as contracted by it by means of a preliminary agreement dated 31st October, 2017, for the sale of the apartment internally marked A6 forming part of a block of apartments without number in Triq A. Cacligari, Ħaż-Żabbar, as stated in the application and uphold the other demands in the application amongst which the liquidation of damages and the payment of the same.

With costs, against the respondent company summoned so that a reference to its evidence be made.

The Sworn Application in the names Cefai Christine vs J.B. Property Limited, Application Number 1014/19 RGM, has been deferred for hearing to the 12th March, 2020, at 10.00 a.m.

Notify: Joseph Bellia, as company secretary , of the company J.B. Property Ltd (C 30442) 351, Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara.
J.B. Property Ltd, 351, Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara

Registry of the Superior Courts, today 2nd March, 2020

ADV. FRANK PORTELLI,LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

335

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tat-8 ta' Ottubru, 2019, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Paul Pace (KI 157561M) ta' 1, Rotunda Apartments, Triq il-Kurat Schembri, Il-Mosta, ippreżenta Talba fit-2 ta' Ottubru, 2019, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Silvio Brincat (KI 474260M) ta' 25, St Joseph Garage, Triq Schembri, Il-Ħamrun, sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' €3,899.33 liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż.

Il-kawża (Avviż Nru. 283/19SFJ) hija differita għall-11 ta' Marzu, 2020, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 3 ta' Marzu, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 8th October, 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Paul Pace (ID 157561M) of 1, Rotunda Apartments, Triq il-Kurat Schembri, Mosta, filed a Claim on the 2nd October, 2019, whereby he asked the Tribunal to condemn Silvio Brincat (ID 474260M) of 25, St Joseph Garage, Triq Schembri, Ħamrun, to pay the plaintiff the sum of €3,899.33 which amount is due to the plaintiff.

With costs.

The case (Claim Number 283/19SFJ) is put off on the 11th March, 2020, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 3rd March, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

336

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (GM) fl-14 ta' Jannar, 2020, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Camilleri Martin et vs Zahra Orazio et, Rikors Numru 1078/19 (GM), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Orazio Zahra u Maris sive Maria Stella Zahra, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Martin Camilleri u Ineż Camilleri (KI 72554M u KI 707356M rispettivament) kemm f'isimhom proprju u Martin Camilleri għan-nom u fl-interess tas-soċjetà The Chef Food Services Limited (C 46092) vs Orazio Zahra u Maris sive Maria Stella Zahra, fil-11 ta' Novembru, 2019, ir-rikorrenti Martin Camilleri (KI 72554M) et talab lill-konvenuti jgħidu għaliex din l-Onorabbli Qorti:

Prevja kwalsjasi dikjarazzjoni neċessarja illi l-konvenuti żammew materjalment fil-pussess esklussiv tagħhom ir-restorant inkwistjoni ġewwa San Pawl il-Baħar imsemmi fir-rikors u għamlu użu mill-attrezzi kollha tiegħu fl-interess esklussiv tagħhom, jiġi dikjarat u deċiż illi l-ftehim bil-miktub li jġib id-data tal-17 ta' April, 2017, mhux aktar vinkolanti fuq il-partijiet b'konsegwenza tal-inadempjenza tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

By means of a decree given by the First Hall Civil Court (GM) on the 14th January, 2020, in the records of the Sworn Application in the names Camilleri Martin et vs Zahra Orazio et, Application Number 1078/19 (GM), the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents Orazio Zahra and Maris sive Maria Stella Zahra, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court in the names Martin Camilleri and Ineż Camilleri (ID 72554M and ID 707356M respectively) both in their own name and Martin Camilleri in the name and in the interest of the company The Chef Food Services Limited (C 46092) vs Orazio Zahra and Maria sive Maria Stella Zahra, on the 11th November, 2019, the applicant Martin Camilleri (ID 72554M) et asked the defendants to state why this Honourable Court should not:

Saving any necessary declaration that the defendants materially kept in their exclusive possession the restaurant in question in Saint Paul's Bay mentioned in the application and made use of all its utensils in their exclusive interest, it be declared and decided that the written agreement which bears the date of the 17th April, 2017, is no longer binding on the parties as a consequence of the default of the defendants and uphold the other demands in the application.

B'riserva ta' kwalsjasi drittijiet oħra spettanti lill-atturi proprio et nomine u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Camilleri Martin et vs Zahra Orazio et, Rikors Numru 1078/19 GM, jinsab differit għas-smigħ għas-17 ta' Marzu, 2020, fid-9.30 a.m.

Notifika:

Orazio Zahra, Marine Court, Flat 8, Blokk D, Triq il-Gidwet, Marsaskala

Maria Zahra, Marine Court, Flat 8, Blokk D, Triq il-Gidwet, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Marzu, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Saving any other rights due to the plaintiffs proprio et nomine and with costs against the defendants summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names Camilleri Martin et vs Zahra Orazio et, Application Number 1078/19 GM, has been put off for hearing to the 17th March, 2020, at 9.30 a.m.

Notify:

Orazio Zahra, Marine Court, Flat 8, Block D, Triq il-Gidwet, Marsaskala

Maria Zahra, Marine Court, Flat 8, Block D, Triq il-Gidwet, Marsaskala

Registry of the Superior Courts, today 3rd March, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

337

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-11 ta' Frar, 2020, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Otiji Charles vs Otiji Helen, Rikors Numru 139/19 JPG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Helen Otiji, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Charles Otiji (KI 0072623A) vs Helen Otiji (KI 13983A) fit-3 ta' Ġunju, 2019, ir-rikorrenti Charles Otiji (KI 0072623A) talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejnu u l-mara tiegħu Helen Otiji għal raġunijiet imputabbli lill-intimata u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Otiji Charles vs Otiji Helen, Rikors Numru 139/19 JPG, ġie differit għas-smigħ għall-Erbgħa, 29 ta' April, 2020, fid- 9.20 a.m.

Intimata: Aġenzija Appoġġ, Gwardamanġa

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 3 ta' Marzu, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court (Family Section) on the 11th February, 2020, in the records of the Sworn Application in the names Otiji Charles vs Otiji Helen, Application Number 139/19 JPG, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Helen Otiji, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Charles Otiji (ID 0072623A) vs Helen Otiji (ID 13983A) on the 3rd June, 2019, the applicant Charles Otiji (ID 0072623A) asked this Honourable Court:

1. To pronounce the personal separation between him and his wife Helen Otiji for reasons imputable to the respondent and uphold the other demands in the application.

With costs.

The Sworn Application in the names Otiji Charles vs Otiji Helen, Application Number 139/19 JPG, has been put off for hearing to Wednesday, 29th April, 2020, at 9.20 a.m.

Respondent: Aġenzija Appoġġ, Gwardamanġa

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 3rd March, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

338

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fit-3 ta' Marzu, 2020, fuq rikors ta' J. Zammit Limited (C 37945) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 27 ta' Mejju, 2020, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'garaxx numru tlieta (3), St James Court, Triq is-Sienja, Ħ'Attard tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Callaway Andrew John (KI 146467A) u Callaway Claire (passaport numru 210534668).

Vettura tal-għamla Peugeot 207 tal-kulur silver bin-numru tax-Chassis VF3WEKFVC34345972

N.B. L-imsemmija vettura tinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-Subbasta numru 16/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 5 ta' Marzu, 2020

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 3rd March, 2020, on the application of J. Zammit Limited (C 37945), Wednesday, 27th May, 2020, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction to be held in garage number three (3), St James Court, Triq is-Sienja, Ħ'Attard of the following items seized from the property of Callaway Andrew John (ID 146467A) and Callaway Claire (passaport number 210534668).

Vehicle of the type Peugeot 207 silver in colour with Chassis Number VF3WEKFVC34345972.

N.B. The said vehicle will be sold as described in the acts of judicial sale number 16/2019.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 5th March, 2020

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

339

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar fit-3 ta' Diċembru, 2019, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Worldwide Company Ltd (C 6622) ta' Worldwide Buildings, Triq Valletta, Ħal Qormi, ippreżentaw Talba fil-25 ta' Ottubru, 2019, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Setra Trading Ltd (C 54963) ta' Setra Trading, Triq Ġdida fi Triq Tal-Ħandaq, Qasam Industrijali Tal-Ħandaq, Ħal Qormi QRM 4000, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,714.25 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 329/19PM) hija differita għas-16 ta' Marzu, 2020, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 5 ta' Marzu, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 3rd December, 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Worldwide Company Ltd (C 6622) of Worldwide Buildings, Triq Valletta, Ħal Qormi, filed a Claim on the 25th October, 2019, whereby they asked the Tribunal to condemn Setra Trading Ltd (C 54963) of Setra Trading, Triq Ġdida fi Triq Tal-Ħandaq, Ħandaq Industrial Estate, Ħal Qormi QRM 4000, to pay the plaintiff company the sum of €1,714.25 which amount is due to the plaintiff company.

With costs.

The case (Claim Number 329/19PM) is put off on the 16th March, 2020, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 5th March, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) MH fl-20 ta' Jannar, 2020, wara l-Mandat ta' Qbid Numru 194/19 MH, Rikors ta' Revoka Numru 255/19, fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid numru 194/2019, fl-ismijiet Matthew Dimech vs Diandra Dimech, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex sservi ta' notifika fil-konfront tal-attur Matthew Dimech, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) wara l-Mandat ta' Qbid Numru 194/19 MH, fl-Atti tar-Rikors Revoka Numru 255/19, fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Numru 194/2019 MH, fl-ismijiet Matthew Dimech (KI 206384M) vs Diandra Dimech (KI 105488M) fil-15 ta' Jannar, 2020, ir-rikorrenti Diandra Dimech esponiet umilment:

1. Illi l-attur intavola Mandat ta' Qbid fit-tmienja ta' Ottubru tas-sena 2019 u l-istanti sussegwentement intavolat rikors revoka in atti tal-imsemmi mandat kawtelatorju.

2. Illi fl-20 ta' Novembru, 2019, din l-Onorabbli Qorti ddegredat illi r-rikorrent għandu sebat ijiem għar-risposta u in oltre akkordat lill-partijiet xahar min-notifika ta' dan id-digriet sabiex jippreżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom.

3. L-istanti sa issa għadha tinsab mingħajr risposta u għalhekk għajr dak illi ġie spjegat fir-rikors Revoka Nru 255/19, l-istess m'għandhiex aktar xi żżid.

4. Irid jiġi rilevat illi sforz in-nuqqasijiet tal-attur illi għoġbu jonqos milli jagħti dawk il-motivazzjonijiet li lilu jidhrulu xierqa, l-esponenti għadha sal-lum mingħajr provediment f'dan ir-rigward u għalhekk ma jifdlilha ebda għażla għajr tinterponi dan l-umili rikors sabiex tiġi repreżitinata l-pożizzjoni tagħha fl-isfond tal-fatti deskritti fl-imsemmi rikors revoka ta' dan il-mandat ta' qbid.

Għaldaqstant tenut kont tas-suespost l-istanti titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tgħaddi għall-ġudizzju superjuri tagħha bid-dispensa tal-imsemmija risposta tal-attur u n-noti ta' sottomissjonijiet ulterjuri, jew

By means of a decree given by the Civil Court (Family Section) MH on the 20th January, 2020, following the Warrant of Seizure 194/19 MH, Application for Revocation Number 255/19, in the Records of the Warrant of Seizure Number 194/2019, in the names Matthew Dimech vs Diandra Dimech, the following publication was ordered for the purpose of service of the plaintiff Dimech, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) following the Warrant of Seizure Number 194/19 MH, in the Records of the Application for Revocation Number 255/19, in the records of the Warrant of Seizure Number 194/2019 MH, in the names Matthew Dimech (ID 206384M) vs Diandra Dimech (ID 105488M) on the 15th January, 2020, the applicant Diandra Dimech humbly pleaded:

1. That the plaintiff filed a Warrant of Seizure on the eighth of October of the year 2019 and the applicant subsequently filed an application for revocation in the records of the said precautionary warrant.

2. That on the 20th November, 2019, this Honourable Court decreed that the applicant had seven days to reply and furthermore granted the parties one month from notification of this decree to file their note of submissions.

3.The applicant is till now without a reply and thus except from that explained in the application for revocation no 255/19, the same has nothing to add.

4. It has to be pointed out that due to the failures of the plaintiff who chose not to give those motivations that deem fit to him, the interpellant is till today without a provision in this regard and thus has no choice but to file this humble application in order that her position be restored in the light of the facts described in the said application for revocation of the warrant of seizure.

Thus keeping in view of the above the applicant prays that this Honourable Court:

1. Pass on to give its superior judgement without the necessity of the reply of the plaintiffs and the further note of submissions, or

2. Fin-nuqqas, tiffissa smigħ sabiex tisma' lill-partijiet.

Notifika attur: Flat 1, Southern Breeze, Triq il-Genista, Il-Kalkara

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 4 ta' Marzu, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. In default fix a hearing in order to hear the parties.

Notify plaintiff: Flat 1, Southern Breeze, Triq il-Genista, Kalkara

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 4th March, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

341

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tat-28 ta' Ottubru, 2019, ġiet ordnata l-publikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

OzoProperty Limited (C 76991) fil-kwalità tagħha bħala Amministratur tal-Kondominium bl-isem Sorriso Flats, Triq it-Turisti, Buġibba ta' Ozo Group Business Centre, Triq il-Mastrudaxxa, Ħal Qormi, ippreżentaw Talba fl-24 ta' Ottubru, 2019, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Carmel Gauci (KI 298470M) ta' 45, Triq Dun Salvatore Zarb, Ħal Għargħur u/jew Sorriso Flats, Apt 7, Triq it-Turisti, Buġibba, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,174.01 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Nru 326/19KCX) hija differita għall-25 ta' Marzu, 2020, fis-1.00 p.m.

Registru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 5 ta' Marzu, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 28th October 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

OzoProperty Limited (C 76991) as administrator of the condominium with the name Sorriso Flats, Triq it-Turisti, Buġibba of Ozo Group Business Centre, Triq il-Mastrudaxxa, Ħal Qormi, filed a Claim on the 24th October, 2019, whereby they asked the Tribunal to condemn Carmel Gauci (ID 298470M) of 45, Triq Dun Salvatore Zarb, Ħal Għargħur and/or Sorriso Flats, Apt 7, Triq it-Turisti, Buġibba, to pay the plaintiff company the sum of €1,174.01 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interest.

The case (Claim Number 326/19KCX) is put off on the 25th March, 2020, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 5th March, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

342

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-21 ta' Ottubru, 2019, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C 22334) ta' Triq Fra Diegu, Il-Marsa MRS 1501, ippreżentat Talba fl-14 ta' Ottubru, 2019, fejn talbet

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 21st October, 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C 22334) of Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501, filed a Claim on the 14th October, 2019, whereby they asked

lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Musumeci Ignazio (AS7443322) ta' 85, Triq Lapsi, San Ġiljan, sabiex iħallas is-soċjetà attriċi s-somma ta' €1875.47 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż numru 306/19KCX) hija differita għas-26 ta' Marzu, 2020, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum il-5 ta' Marzu, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the Tribunal to condemn Musumeci Ignazio (AS7443322) of 85, Triq Lapsi, San Ġiljan, to pay the plaintiff company the sum of €1875.47 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim number 306/19KCX) is deferred on the 26th March, 2020, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 5th March, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

343

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-10 ta' Ottubru, 2019, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C 22334) ta' Triq Fra Diegu, Il-Marsa MRS 1501, ippreżentat Talba, fid-9 ta' Ottubru, 2019, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Chakarova Boryana (KI 178893A) ta' 34, Rivendell, Triq il-Palma, Is-Swieqi, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1398.65 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż numru 296/19KCX) hija differita għas-26 ta' Marzu, 2020, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum il-5 ta' Marzu, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 10th October, 2019, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C 22334) of Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501, filed a Claim on the 9th October, 2019, whereby they asked the Tribunal to condemn Chakarova Boryana (ID 178893A) of 34, Rivendell, Triq il-Palma, Swieqi, to pay the plaintiff company the sum of €1398.65 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim number 296/19KCX) is deferred on the 26th March, 2020, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 5th March, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

344

B'digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (FDP) fid-29 ta' Jannar, 2020, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Micallef Av. Yanika noe vs United Game Tech Management Limited, Rikors Numru 1204/19 FDP, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata United Game Tech

By means of a decree given by the First Hall Civil Court on the 29th January, 2020, in the records of the Sworn Application in the names Micallef Adv. Yanika noe vs United Game Tech Management Limited, Application Number 1204/19 FDP, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent company United Game

Management Ltd, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Avukat Dottor Yanika Micallef (KI 0244195M) bħala mandatriċi speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera nexum AG vs United Game Tech Management Ltd (C 73406) fis-17 ta' Diċembru, 2019, ir-rikorrenti Avukat Dottor Yanika Micallef bħala mandatriċi speċjali tas-soċjetà estera nexum AG, talbet lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalunkwe provvediment neċessarju:

1. A tenur tal-Artikolu 826 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tirrikonoxxi u tordna l-eżekuzzjoni f'Malta tal-Ordni ta' Infurzar (numru ta' referenza 25B 281/17) maħruġa mill-Qorti Distrettwali ta' Euskirchen fil-Ġermanja fis-7 ta' Settembru, 2017, abbażi ta' sentenza emanenti minn ċitazzjoni notifikata lis-soċjetà intimata.

2. Tiddikjara l-imsemmija ordni infurzabbli u esegwibbli kontra s-soċjetà intimata.

3. Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti nomine s-somma ta' tnejn u tmenin elf disa' mija u sittin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€82,960.18) flimkien mal-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra s-soċjetà intimata inġunta għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Micallef Av. Yanika noe vs United Game Tech Management Limited, Rikors Numru 1204/19 FDP, jinsab differit għas-smigħ għat-12 ta' Marzu, 2020, fid-9.15 a.m.

Notifika soċjetà intimata: 154, The Strand, Triq ix-Xatt, Il-Gżira GZR 1025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Marzu, 2020

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Tech Management Ltd, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court in the names Advocate Doctor Yanika Micallef (ID 0244195M) as special mandatary in the name and in representation of the foreign company nexum AG vs United Game Tech Management LTD (C 73406) on the 17th December, 2019, the applicant Advocate Doctor Yanika Micallef as special mandatary of the foreign company nexum AG asked this Honourable Court saving any necessary provision:

1. In terms of Article 826 of Cap. 12 of the Laws of Malta, to acknowledge and order the execution in Malta of the Order of Enforcement (number of reference 25B 281/17) issued by the Court of the District of Euskirchen, in Germany, on the 7th September, 2017, on the basis of the judgement resulting from a writ of summons notified to the respondent company.

2. Declare the said order enforcible and executable against the respondent company.

3. Condemn the respondent company to pay the applicant company nomine the sum of eighty-two thousand nine hundred sixty euro and eighteen cents (€82,960.18) together with legal interest and costs till the date of effective payment.

With costs and legal interest against the respondent company summoned so that a reference to its evidence be made.

The Sworn Application in the names Micallef Adv. Yanika noe vs United Game Tech Management Limited, Application Number 1204/19 FDP, has been put off for hearing to the 12th March, 2020, at 9.15 a.m.

Notify respondent company: 154, The Strand, Triq ix-Xatt, Gżira GZR 1025

Registry of the Superior Courts, today 4th March, 2020

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

345

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Jannar, 2020, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3200/19,

By means of a decree of the 13th January, 2020, in the records of the judicial letter number 3200/19 in the names

fl-ismijiet Y&P Marketing Limited Malta vs Ibrahim sive Ibraham Yassine et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Ibrahim sive Ibraham Yassine u Batoul Yassine a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 26 ta' Awwissu, 2019

Lil

Ibrahim sive Ibraham Yassine (KI 459903L) ta' 276, Santa Margerita, Triq Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq u

Batoul Yassine (KI 0284213L) ta' 276, Santa Margerita, Triq Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq

Permezz tal-preżenti Y & P Marketing Limited Malta (C 25999), in rappreżentanza minn Raymond Gauci (KI 705256M) ta' Y&P Complex, Blokk B, Triq Burmarrad, In-Naxxar filwaqt li jirreferik għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 19 ta' Mejju, 2019, fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil, li qed jiġi anness, jinterpellakom sabiex tħallsu s-somma bilanċjali ta' €16,711.75 dovuta lilu, kif ukoll is-somma ulterjuri ta' €1,770 għall-perjodu tal-kirja addizzjonali ta' makkinarju appożitu (crane) u dan ai termini tal-kuntratt preċitat.

Illi għaldaqstant l-ammont dovut in toto huwa ta' €18,481.75.

Il-mittent jgħarrfek inoltre illi hu qiegħed jippreżenta din l-ittra uffiċjali bħala interpellanza ġudizzjarja sabiex irendi l-imsemmi kuntratt esegwibbli, u dan ai termini tal-artikolu 256 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, peress illi m'affettwajtx il-ħlas pattwit skont l-imsemmi att pubbliku.

Inoltre l-mittent jgħarrfek illi mal-ammont fuq indikat iridu jitħallsu wkoll l-imgħaxijiet dekorsi mill-24 ta' Awwissu, 2019.

Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Marzu, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Y&P Marketing Limited Malta vs Ibrahim sive Ibraham Yassine et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondents Ibrahim sive Ibraham Yassine and Batoul Yassine in terms of Article 187(3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 26th August, 2019

To

Ibrahim sive Ibraham Yassine (ID 459903L) of 276, Santa Margerita, Triq Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq and

Batoul Yassine (ID 0284213L) of 276, Santa Margerita, Triq Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq.

By means of this present Y & P Marketing Limited Malta (C 25999), represented by Raymond Gauci (ID 705256M) of Y&P Complex, Block B, Triq Burmarrad, Naxxar whilst referring you to the constitution of debt deed dated 19th May, 2019, in the records of Notary Doctor Rachel Busuttil, which is being here attached, solicits you to pay the balance in the amount of €16,711.75 due to it, and also a further sum of €1,770 for a period of additional rent of the appropriate machinery (crane) and this in terms of the said deed.

Thus the total amount due is that of €18,481.75.

The interpellant informs you that it is filing this judicial letter as judicial solicitation to render the said deed executable and this in terms of article 256 of Chapter 12 of the Laws of Malta, because you did not make the payment as agreed according to the same public deed.

In addition, the applicant is informing you that together with the amount abovementioned the interest accrued has to be paid from the 24th August, 2019.

With interest and costs.

Registry of the Superior Courts, today 4th March, 2020

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

346

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fl-4 ta' Marzu, 2020, fl-atti tas-subbasta numru 3/2017 fl-ismijiet "Anthony Vella et vs Louis Farrugia et" ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 6 ta' April, 2020, fil-11.00 a.m. għall-bejgħ b'irkant li għandu jsir fl-edifizju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Ir-Rabat, Għawdex, tal-fond hawn taħt deskritt:

1. L-arji intiżi għall-formazzjoni tal-garaxxijiet mingħajr l-arja tagħhom li internament ser ikunu mmarkati bin-numri tlieta (3) u sebgħa (7) u li se jkunu fis-semi-basement level u formanti parti minn korp ta' bini li sejjer jinbena wara d-demolizzjoni tal-proprjetà numri għaxra (10) u ħdax (11) fi Triq Dun Pawl Micallef ġja Triq Santu Wistin, Ir-Rabat, Għawdex, valur ta' tmint elef ewro (€8,000) u erbatax-il elf ewro (€14,000) rispettivament.

2. Ir-restorant mingħajr numru u bl-isem 'Tritons' fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, liema restorant jifforma parti minn korp ta' bini mibni fuq art li rriżultat wara d-demolizzjoni tal-proprjetajiet numri sbatax (17), tmintax (18) u dsatax (19) fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, limiti taż-Żebbug, Għawdex u konfinanti Lvant mat-triq imsemmija, Nofsinhar ma' beni tal-Kurja u Tramuntana ma' beni ta' Joseph Saliba, jew irjieħ verjuri, valur ta' mitejn u disgħin elf ewro (€290,000).

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Louis Farrugia Zammit, pensjonant, bin George u Georgia nee Attard, imwieled ir-Rabat, Għawdex fit-13 ta' Mejju, 1947, u residenti r-Rabat, Għawdex, karta tal-identità numru 43847G, u Maryanne Farrugia, pensjonanta, bint il-mejtin Michael Galea u Carmela nee Cassar, imwielda r-Rabat, Għawdex fl-20 ta' Lulju, 1949, u residenti r-Rabat, Għawdex, karta tal-identità numru 56249G, u dan kif dikjarat fl-atti tas-subbasta fuq imsemmija u ser tinbiegħ bħalma ġiet deskritta u stmata mill-AIC John Demicoli fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-14 ta' Ġunju, 2019, kif ukoll mill-Perit Legali Dr Jean Paul Grech fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-10 ta' Lulju, 2019.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Illum 5 ta' Marzu, 2020

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

By a decree delivered by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 4th of March, 2020, in judicial sale number 3/2017 in re. "Anthony Vella et vs Louis Farrugia et", Monday, 6th of April, 2020, at 10.00 a.m. has been scheduled for the sale by auction, to be held at the Gozo Court's edifice in Cathedral Square, Victoria, Gozo, of the following property:

1. Air space intended for the formation of garages without their airspace internally will be marked number three (3) and seven (7) and will be in the semi-basement level and forming part of a block of building that will be built after the demolition of property number ten (10) and eleven (11) in Triq Dun Pawl Micallef, previously Triq Santu Wistin, Victoria, Gozo, valued eight thousand euro (€8,000) and fourteen thousand euro (€14,000) respectively.

2. The restaurant without number and named 'Tritons' in Rabat Road, Marsalforn, limits of Żebbuġ, Gozo, which restaurant forms part from a block of building which has been constructed on the site formerly occupied by tenement numbered seventeen (17), eighteen (18) and nineteen (19) in Triq ir-Rabat, Marsalforn, limits of Żebbuġ, Gozo and which block of building is bounded on the East by the said street, South by property of Curia and on the North by property of Joseph Saliba or more accurate boundaries, valued two hundred and ninety thousand euro (€290,000).

This property pertains to Louis Farrugia Zammit, pensioner, son of George and Georgia nee Attard, born in Victoria Gozo on the 13th of May, 1947, and lives in Victoria, Gozo, identity card number 43847G, and Maryanne Farrugia, pensioner, daughter of the late Michael Galea and Carmela nee Cassar, born in Victoria, Gozo, on the 20th of July, 1949, and lives in Victoria Gozo, identity card number 56249G. The said property will be sold as described in the report sworn to by AIC John Demicoli on the 14th of June, 2019, and in the report sworn to by Dr Jean Paul Grech on 10th July, 2019.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

This 5th of March, 2020

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603